MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2010

Numru. 1448/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**

**KONTRA**

**RONALD PISANI ta' 40 sena, iben Joseph u Josephine nee' Bajada, imwieled Tal-Pieta' nhar l-24.02.1971, residenti fil-fond Emanuelas, Triq Mons Alfred Caruana, Imqabba, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 114 870M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **RONALD PISANI** li gie akkuzat talli:

1. Nhar l-10 ta’ Novembru, 2007 fil-hanut bl-isem Movie Zone DVD Rentals, Imqabba, iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta’ industrija, jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta’ sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija, jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema mxebbhin b’qerq, u cioe’ numru ta’ DVDs u loghob tal-Playstation 2, ai termini ta’ l-Artikolu 298(1) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa jew immanifattura, idduplika, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitaqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-Ligi ta’ Malta, jew tahtha, ai termini ta’ l-Artikolu 298B tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal procecuri sommarji a folio 5, dwar liema l-imputat iddikkjara li ma kellu ebda oggezzjoni, u dan fl-istadju ta’ l-interrogatorju a folio 6;

Rat li fis-seduta ta’ nhar it-13.07.2010 l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni regghet giet ikkonfermata fis-seduta ta’ wara cioe’ nhar l-04.08.2010;

Semghet ix-xhieda kollha prodotta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 298(1), u 298B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, din il-Qorti qieghda ssib lil Ronald Pisani hati ta’ l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu, u

qieghda ghaldaqstant tikkundannah ghal xahrejn (2) habs sospizi ghal sena (1) u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Tikkundannah ukoll ghall-hlas ta' multa fl-ammont ta' disa' mija u tnejn u tletin Ewro (€932).

Tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti ezebiti mill-Ispettur Maurice Curmi bhala Dok MC 1 fis-seduta ta' nhar it-12.05.2010.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------